

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (l-Italja) fis-26 ta' Nobembru 2019 – Prefettura Ufficio territoriale del governo di Firenze vs MI**

(Kawża C-870/19)

(2020/C 54/38)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Corte suprema di cassazione

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Prefettura Ufficio territoriale del governo di Firenze

Konvenut: MI

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 15 [(7) tar-Regolament Nru 3821/85<sup>(1)</sup>] jista' jiġi interpretat, fil-każ specificu tas-sewwieq tal-vettura, fis-sens li jipprevedi aġi komplexiv wieħed u konsegwentement it-twettiq ta' ksur wieħed u l-impożizzjoni ta' sanzjoni waħda jew tista' twassal, billi tapplika kumulu materjali, għal daqstant ksur u sanzjonijiet daqs kemm ikun hemm ġranet li fihom il-karti ta' regiżazzjoni tat-takografu ma jkunux ġew prodotti, fil-kuntest tal-perijodu ta' żmien previst ("il-jum kurrenti u t-28 jum ta' qabel")?

---

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 ta' l-20 ta' Diċembru 1985 dwar apparat ta' regiżazzjoni għat-trasport bit-triq (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 227).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (l-Italja) fis-26 ta' Novembru 2019 – Prefettura Ufficio territoriale del governo di Firenze vs TB**

(Kawża C-871/19)

(2020/C 54/39)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Corte suprema di cassazione

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Prefettura Ufficio territoriale del governo di Firenze

Konvenut: TB

## Domanda preliminari

L-Artikolu 15 [(7) tar-Regolament Nru 3821/85<sup>(1)</sup>] jista' jiġi interpretat, fil-każ speċifiku tas-sewwieq tal-vettura, fis-sens li jipprevedi aġir komplexiv wieħed li u konsegwentement it-twettiq ta' ksur wieħed u l-impożizzjoni ta' sanzjoni waħda, jew tista' twassal, billi tapplika kumulu materjali, għal daqstant ksur u sanzjonijiet daqs kemm iku hemm ġranet li fihom il-karti ta' regiżazzjoni tat-takografu ma jkunux ġew prodotti, fil-kuntest tal-perijodu ta' żmien previst ("il-jum kurrenti u t-28 jum ta' qabel")?

---

<sup>(1)</sup> -Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 ta' l-20 ta' Diċembru 1985 dwar apparat ta' regiżazzjoni għat-trasport bit-triq (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1. p. 227).

---

## Appell ippreżentat fid-29 ta' Novembru 2019 minn PlasticsEurope mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġeneral (Il-Ħames Awla) fl-20 ta' Settembru 2019 fil-Kawża T-636/17, PlasticsEurope vs ECHA

(Kawża C-876/19 P)

(2020/C 54/40)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Appellant: PlasticsEurope (rappreżentanti: R. Cana, E. Mullier, F. Mattioli, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: L-Āgenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, ir-Repubblika Franċiża, ClientEarth

### Talbiet

L-appellant titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġeneral fil-Kawża T-636/17;
- tannulla d-deċiżjoni ED/30/2017 tad-Direttur Eżekuttiv tal-ECHA tas-6 ta' Lulju 2017;
- sussidjarjament, tirrinvija l-kawża lura lill-Qorti Ġeneral sabiex din tagħti deċiżjoni dwar ir-rikors għal annullament tal-appellant;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż ta' proċeduri quddiem il-Qorti Ġeneral.

### Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell, l-appellant tqajjem l-aggravji li ġejjin:

- A. Il-Qorti Ġeneral wettqet żball ta' liġi billi interpretat ir-Regolament REACH<sup>(1)</sup> b'mod żbaljat u billi sostniet li l-Āgenzija ma hijiex meħtieġa turi l-eżistenza ta' provi xjentifiċi ta' probabbiltà ta' effetti serji bis-saħħa tal-Artikolu 57(f) tar-Regolament REACH.
- B. Il-Qorti Ġeneral wettqet żball ta' liġi fl-evalwazzjoni tal-provi għad-disponibbiltà tagħha u fl-evalwazzjoni tal-fatti ssostanzjati minn dawn il-provi. B'mod partikolari, il-Qorti Ġeneral wettqet żball billi kkonkludiet li l-ECHA kienet ikkonstatat "probabbiltà" ta' effetti serji, naqset milli tevalwa jekk l-ECHA kinitx effettivament evalwat l-informazzjoni dwar il-livell ekwivalenti ta' tħassib u minflok b'mod żbaljat straħet fuq id-dikjarazzjoni tal-ECHA li l-kriterju kien ġie ssodisfatt; wettqet żball billi ċaħdet il-motiv tal-appellant relatav mar-rilevanza tal-konklużjonijiet tal-Awtoritāt Ewropea għas-Sigurtà tal-İkel (EFSA) għall-każż inkwistjoni; wettqet żball billi kkonkludiet li l-konklużjonijiet tal-EFDA jissostanzjaw u huma konsistenti mad-deċiżjoni tal-ECHA; żnatur il-provi prodotti mill-partijiet.